A.L. 187 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science in Information Technology (Honours) – B.Sc. I.T. (Hons) – u ta' Bachelor of Science in Information Technology – B.Sc. I.T. – taħt il-patroċinju tal-Bord ta' l-Istudji għall-Information Technology

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-Istudji għall-Information Technology bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għall-gradi ta' Bachelor of Science in Information Technology (Honours) – B.Sc. I.T. (Hons) – u ta' Bachelor of Science in Information Technology – B.Sc. I.T. – taħt il-patroċinju tal-Bord ta' l-Istudji għall-Information Technology.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord ta' l-Istudji" tfisser il-Bord ta' l-Istudji għall-Information Technology maħtur mis-Senat mill-membri tad-Dipartimenti tal-Computer

Information Systems, Computer Science and Artificial Inelligence, u Communications and Computer Engineering;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Science in Information Technology (Honours) – B.Sc. I.T. (Hons) – jew il-grad ta' Bachelor of Science in Information Technology – B.Sc. I.T. – kif xieraq;

"il-Grad bl-Unuri" tfisser il-grad ta' Bachelor of Science in Information Technology (Honours) – B.Sc. I.T. (Hons);

"il-Grad Ordinarju" tfisser il-grad ta' Bachelor of Science in Information Technology – B.Sc. I.T.;

"il-Kors" tfisser il-programm tal-kors li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Science in Information Technology (Honours) – B.Sc. I.T. (Hons) – jew għall-grad ta' Bachelor of Science in Information Technology – B.Sc. I.T. – kif xieraq; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004.

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2003 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. Il-Grad jingħata f'wieħed mill-oqsma ta' speċjalizzazzjoni li ġejjin:

(a) Informatics;
(b) Computer Science; u
(ċ) Computer Systems Engineering.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

4. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, ikunu:

(a) għaddew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola bi Grad ~ jew aħjar fil-Matematika Pura u f'wieħed mis-suġġetti li ġejjin: il-Matematika Applikata, il-Bijoloġija, il-Kimika, il-Computing, l-Ekonomija, l-Ingliż, l-Information Technology, il-Mużika, il-Filosofija, u l-Fiżika;

jew

(b) (i) għaddew mill-Eżami għaċ-~ertifikat ta' l-Edukazzjoni Sekondarja f'ħames suġġetti, li jinkludu l-Ilsien Ingliż, u l-Malti; u

(ii) għaddew fis-Systems of Knowledge fil-Livell Intermedju tal-Matrikola; u

(iii) għaddew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola bi Grad ~ jew aħjar fil-Matematika Pura jew f'livell simili ta' eżamijiet oħra rikonoxxuti mis-Senat għall-għan tar-Regolamenti għad-Dħul; *u*

(iv) jew

(a) kisbu l-Higher Technician Diploma tas-City and Guilds of London Institute Kors Numru 8000 fl-Inġinerija Elettrika;

jew

(b) kisbu d-Diploma fl-Elettronika Industrijali, bi Kredtu, taċ-~entru tat-Taħriġ Fellenberg;

jew

(ċ) kisbu l-Advanced Diploma tas-City and Guilds of London Institute Kors Numru 7235 fl-Applied Information Technology;

jew

(d) kisbu xi kwalifika oħra minn istitut rikonoxxut mill-Bord ta' l-Istudji bħala ekwivalenti għal xi wieħed min (a), (b) jew (ċ).

(2) Minn Ottubru 2005, l-istudenti li jkun jonqoshom grad f'wieħed biss mis-suġġetti tar-rekwiżiti speċjali għad-dħul meħtieġa fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola ndikati fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament għandhom jidħlu taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-Bord ta' l-Istudji jista' jimponi biex jagħmlu tajjeb għall-element li jonqos. Jekk, sa l-aħħar ta' l-ewwel sena, dawn l-istudenti ma jissodisfawx ir-rekwiżiti kollha biex jipproċedu regolarment għat-tieni sena tal-Kors, huma jkunu meħtieġa jħallu l-Kors u ma jkunux intitolati la li jirrepetu s-sena u l-anqas li jipprocedu kundizzjonalment kif normalment permess taħt ir-Regolamenti Prinċipali.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' erba' snin ta' studju fuq bażi *full-time*.

Il-Programm tal-Kors

6. (1) Il-Kors jikkonsisti f'żewġ partijiet: l-Ewwel Parti tkopri l-ewwel tliet snin li fit-tmiem tagħhom jista' jingħata l-Grad Ordinarju, u t-Tieni Parti, li tkopri r-raba' sena li fit-tmiem tagħha jista' jingħata l-Grad bl-Unuri.

(2) L-ewwel sentejn tal-Kors ikunu komuni għall-istudenti kollha u jkopru taqsimiet studju fl-Informatics, Computer Science, u Computer and Telecommunication Systems Engineering u f'suġġetti kumplementari oħra.

(3) Fl-aħħar tat-tieni sena tal-Kors, l-istudenti jkunu meħtieġa jagħżlu qasam ta' speċjalizzazzjoni mill-Informatics, Computer Science, u Computer and Telecommunication Systems Engineering li fuqu huma jkunu meħtieġa jikkonċentraw l-istudji tagħhom matul il-bqija tal-Kors.

(4) Fl-aħħar ta' l-Ewwel Parti tal-Kors, l-istudenti li l-marka medja tagħhom ikkalkulata skond il-kriterji speċifikati fil-paragrafu (2) ta' l-ordinament 10 tkun tintitolhom għall-Grad Ordinarju fil-Kategorija IIB jew aħjar jitħallew

jipproċedu għat-Tieni Parti tal-Kors ħlief jekk huma jagħżlu li jieqfu u jingħataw il-Grad Ordinarju.

(5) L-istudenti li jtemmu b'suċċess l-Ewwel Parti tal-Kors iżda li l-marka medja fuq it-tliet snin tintitolhom għall-Grad Ordinarju fil-Kategorija III ma jkunux eliġibbli biex jipproċedu għat-Tieni Parti iżda jingħataw il-Grad Ordinarju.

(6) L-istudenti li jipproċedu għat-Tieni Parti tal-Kors iżda li ma jtemmuhiex b'suċċess ikunu intitolati għall-għoti tar-rikonoxximent tal-Grad Ordinarju.

(7) Il-programm tal-kors jikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 240 kredtu kif ġej:

(a) fl-ewwel sena, 60 kredtu mit-tliet oqsma ta' speċjalizzazzjoni differenti;

(b) fit-tieni sena, 12-il kredtu f'kull qasam ta' speċjalizzazzjoni; 12-il kredtu fi kwalunkwe qasam ta' speċjalizzazzjoni; u 12-il kredtu kif indikat mill-Bord ta' l-Istudji;

(ċ) fit-tielet sena, 30 kredtu għal Assigned Practical Tasks; u 30 kredtu, li minnhom mhux inqas minn 16 u mhux aktar minn 20 kredtu jridu jittieħdu fil-qasam ta' speċjalizzazzjoni magħżul; u

(d) fir-raba' sena, 24 kredtu għall-proġett estensiv fil-qasam ta' speċjalizzazzjoni magħżul kif approvat mid-dipartiment responsabbli għall-qasam ta' speċjalizzazzjoni; 28 kredtu, li minnhom mhux inqas minn 16 u mhux aktar minn 24 kredtu jridu jittieħdu fil-qasam ta' speċjalizzazzjoni magħżul u 8 kredti oħra kif indikat mill-Bord ta' l-Istudji.

7. Il-Bord ta' l-Istudji għandu jippubblika l-programm ta' studju għal kull qasam ta' speċjaliżżazzjoni, imħejji skond il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali, u approvat mis-Senat qabel il-bidu ta' kull Kors.

8. Fi kwalunkwe sena tal-Kors l-istudenti ma jistgħux jirreġistraw għal taqsimiet studju li għalihom hemm assenjat aktar minn 60 kredtu ħlief jekk huma jkunu meħtieġa jirreġistraw għal taqsimiet studju riferuti skond ir-regolament 54 tar-Regolamenti Prinċipali.

9. Minkejja l-provvedimenti tar-regolament 45 tar-Regolamenti Prinċipali, fi kwalunkwe sena tal-Kors, l-istudenti ma jitħallewx jgħaddu b'kumpens minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati aktar minn 12-il kredtu u jekk ikun hemm bżonn l-istudenti jkunu meħtieġa jagħżlu liema taqsima/taqsimiet studju mit-taqsimiet studju eliġibbli għandhom jitqiesu li għaddew b'kumpens, sal-valur massimu ta' 12-il kredtu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

10. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Grad Ordinarju għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fl-Ewwel Parti tal-Kors, b'kull sena tingħata l-piż kif ġej:

Il-Mark Medja ta' l-Ewwel Sena	20%
Il-Mark Medja tat-Tieni Sena	40%
Il-Marka Medja tat-Tielet Sena	40%.

(2) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Grad bl-Unuri għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fl-erba' snin tal-Kors, li jingħataw il-piż kif ġej:

Il-Marka Medja Mwieżna ta' l-Ewwel Parti skond il-paragrafu (1)	60%
It-Tieni Parti (ir-Raba' Sena)	40%.